FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 4 ta' Ottubru, 2001

**Numru 2**

**Avviz. numru 239/01JR**

**Thomas Busuttil**

**vs**

**Gasan Mamo Insurance Agency Ltd u b'verbal tat-13 ta' Lulju, 2001, wara isem il-konvenut jizdiedu l-kliem "u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera` GCU Insurance plc"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), u fejn intqal:**

**Illi f'Novembru, 2000, l-esponenti siefer lejn il-Libya. Mieghu ha l-hwejjeg ghas-safra fuq natura ta' xoghol. Meta gie lura wara li dam tmient ijiem**

**nsterqulu l-hwejjeg mill-bagalja tieghu u meta ha l-bagalja tieghu mill-ajruport ta' Malta kienet vojta. Il-hwejjeg li nsterqu jammontaw ghall-mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00). Illi l-intimati rrifjutaw li jhallsu minkejja li hemm l-assikurazzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fit-30 t'April, 2001 fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi fl-ewwel lok jekk l-attur huwa mizzewweg, l-azzjoni trid issir ukoll flimkien ma' martu u fit-tieni lok il-kumpanija eccipjenti, fil-kapacita` taghha personali, m'ghamlet l-ebda polza ta' assikurazzjoni;**

**Fit-tielet lok l-attur irid igib prova sufficjenti li verament gara dak li allega li nsterqu kien akkwistahom qabel l-incident u li kienu mieghu waqt il-vjagg in kwistjoni u li verament insterqu kif donnu qed jallega;**

**Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub huwa esagerat.**

**Semgha x-xhieda ta' Thomas Busuttil u Leslie Causon. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi fl-ewwel lok mhux necessarju li l-azzjoni issir ukoll kontra mart l-attur tenut kont tan-natura tal-kaz. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma treggix.**
2. **Illi jinghad din il-kawza qed issir mill-attur sabiex jithallas**

mill-assikurazzjoni ghall-hwejjeg personali li nsterqulu meta rritorna mil-Libya f'Novembru, 2000. Gie stabbilit illi l-bagalja ta' l-attur waslet gurnata tard biz-zip imqatta' u kellha l-kontenut kollu nieqes.

3. Jirrizulta li l-attur ghamel claim ma' l-assikurazzjoni ghall-hlas tan-nuqqasijiet, peress li kien assikura ruhu mas-socjeta` attrici tramite Far Travel.

4. Jirrizulta li l-attur kien mar il-Libya fuq xoghol.

5. L-attur kien ipprezenta stima tan-nuqqasijiet lill-assikurazzjoni ammontanti ghall-tlett mija wiehed u tletin lira Maltija hamsa u tmenin centezmu (Lm311.85) skond il-Form A li kien mela hu stess.

6. Is-socjeta` assikurattrici ma kienetx qed taccetta la l-istima Dok.MF1 u lanqas dak reklamat fil-Form A.

7. L-attur ammetta li l-ilbies li ha mieghu ma kienx gdid.

8. Fil-fehma tat-Tribunal ma hemmx dubbju dwar li l-affarijiet naqsu lill-attur waqt il-vjagg, u ghalhekk ghandu jigi kumpensat ghan-nuqqasijiet.

9. Jibqa' ghalhekk biex wiehed jezamina jekk il-valur mitlub kienx esagerat.

10. It-Tribunal innota li l-abbiljament li ha mieghu l-attur jista' jitqies bhala abbiljament li wiehed normalment jiehu mieghu, anke tenut kont tal-fatt li kien sejjer fuq xoghol. It-Tribunal innota li l-attur ma kien qed jitlob xejn straordinarju. Dwar l-istima esebita Dok.MF1, ghalkemm kien ikun desiderabbli li rapprezentant ta' Vigo jitla' jixhed, fic-cirkostanzi, ma

hemm xejn straordinarju dwar il-prezzijiet ta' l-oggetti.

11. Ex admissis, il-hwejjeg ma kienux godda, u kellhom xi xhur, u ghalhekk ma jistax jitqies il-valur ta' oggett gdid. Jirrizulta li l-attur ga naqqas l-ammont b'wiehed u sittin lira Maltija hamsa u tmenin centezmu (Lm61.85). F'dan ir-rigward it-Tribunal hu tal-fehma li jrid ikompli jimitiga dwar id-danni reklamati, u ghall dan il-ghan qed jikkalkula l-ammont fuq zewg terzi tal-valur ta' tlett mija u hdax-il lira Maltija hamsa u tmenin centezmu (Lm311.85), u cioe li d-danni jammontaw ghall-mitejn u seba' liri Maltin u disghin centezmu (Lm207.90).

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' fuq ammissjoni it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' mitejn u seba' liri Maltin u disghin centezmu (Lm207.90).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR